**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 14 ta` Marzu 2016**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 505/09 JZM**

**Il-Kunsill Lokali ta` Hal-Lija, il-Professur Peter Xuereb (ID Numru 783554M), Angela Xuereb (ID Numru 448453M), Raymond Attard (ID Numru 110661M), Catrina Attard (ID Numru 203287M), Vitor Buttigieg (ID Numru 341966M), Rose Marie Buttigieg (ID Numru 303281M), Patrick Vassallo (ID Numru 595557M) u Caterine Vassallo (ID Numru 139966M)**

***kontra***

**Rosanne Galea u John David Galea, Melita plc (C-12715) u l-Awtorita` ta` Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-26 ta` Mejju 2009 li jaqra hekk :-

*1. Illi ricentement (sewwasew fil-perjodu bejn Settembru 2008 u Mejju 2009) giet installata mill-intimata socjeta` Melita plc antenna "Repeater" fuq il-bejt tal-fond 56, Triq Preziosi (triq dejqa), Hal-Lija (proprjeta` tal-intimati konjugi Galea), fil-qalba ta` zona residenzali f`Hal-Lija ;*

*2. Illi tali antenna "Repeater" huwa apparat uzat mis-socjeta` intimata fl-ezercizzju tal-attivita` kummercjali privat taghha ta` komunikazzjoni ;*

*3. Illi kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, tali antenna "Repeater" installata mis-socjeta` Melita plc jikkreja dannu lis-sahha tar-rikorrenti u / jew hemm il-probabilita` illi tali dannu jirrizulta – fi kwalunkwe kaz, l-intimati jew min minnhom agixxew illegalment meta nstallaw l-imsemmija antenna "Repeater" u b`daqshekk qieghdu lir-rikorrenti residenti ta` Hal-Lija f`sitwazzjoni fejn illum hemm porbabilita` li s-sahha taghhom tista` tigi affettwata negattivament ;*

*4. Illi r-rikorrenti Kunsill Lokali ta` Hal-Lija huwa legalment vestit bir-responsabilita` sabiex jikkawtela l-interessi tar-residenti ta` Hal-Lija, mentri r-rikorrenti l-ohra huma residenti ta` Hal-Lija fl-akkwati tal-antenna "Repeater" u kwindi, ghandhom interess dirett illi l-imsemmija antenna "Repeater" titnehha stante illi s-sahha taghhom qieghda "in ballo" ;*

*5. Illi r-rikorrenti bl-aktar mod b`sahhtu oggezzjonaw ghall-installar ta` tali antenna u dan anke permezz ta` protest gudizzjarju pprezentat fid-19 ta` Jannar 2009 (hawn anness u mmarkat DOKUMENT A) stante illi, inter alia, din l-istess antenna tinsab vicin hafna ta` residenzi li fihom jghixu numru konsiderevoli ta` persuni – nonostante l-imsemmi protest l-intimati baqghu ma tawx widen ghall-ilmenti gustifikati tar-rikorrenti ;*

*6. Illi inoltre, ir-rikorrenti gibdu l-attenzjoni tal-intimati illi rapporti preparati minn esperti fuq is-suggett, mhux talli ma jeskludux, anzi jattribwixxu probabilita` li antenni simili jistghu jkunu ta` dannu ghas-sahha tal-abitanti. F`dan il-kaz specifiku tali danni huma attribwibbli ghall-agir abbuziv tal-intimati ;*

*7. Illi stante li l-installazzjoni tal-antenna de quo tqieghed is-sahha tar-residenti-rikorrenti in jeopardy billi tikkreja dannu lis-sahha tar-residenti-rikorrenti jew hemm probabilita` li dan isehh, tali nstallazzjoni saret illegalment u kwindi tali antenna ghandha titnehha minnufih fuq ordni ta` din il-Qorti ;*

*8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m`ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-installar tal-antenna "Repeater" mill-Melita plc, fuq il-bejt tal-fond 56, Triq Preziosi, Hal-Lija mill-konvenuti huwa abbuziv u llegali stante li l-istess antenna taghmel hsara u/jew hemm il-probabilita` li taghmel hsara lis-sahha tar-residenti-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, occorrendo b`opera ta` periti nominandi ;*

*2. Tordna lill-intimati sabiex inehhu fi zmien qasir u perentorju l-antenna "Repeater" illi qieghda fuq il-bejt tal-fond 56, Triq Preziosi, Hal-Lija ;*

*3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas li l-intimati ma jnehhux fiz-zmien moghti lilhom mill-Qorti l-antenna "Repeater" illi qieghda fuq il-bejt tal-fond 56, Triq Preziosi, Hal-Lija, ikunu l-istess rikorrenti li jaghmlu dan bl-ispejjez a kariku tal-intimati.*

*B`riserva ghal kull azzjoni ta` danni.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li l-Awtorita` konvenuta pprezentat fit-<u>8 ta` Lulju 2009</u> li taqra :-

*1. Illi preliminarjament l-Awtorita` intimata mhijiex il-legittimu kontradittur f`din l-azzjoni. Kif gie ampjament spjegat fil-kontro-protest tal-Awtorita` intimata (ara* ***dok PM1*** *kopja tal-kontro-protest tal-Awtorita` kontra r-rikorrenti l-Kunsill Lokali ta` Hal-Lija), l-Awtorita` intimata la hi sid il-fond fejn twahhal l-imsemmi l-antenna repeater u la kienet b`xi mod involuta fit-twahhil ta` din l-antenna. Ir-rwol tal-Awtorita` f`kazijiet simili hu biss wiehed li taghmel il-verifiki taghha* ***biex tara li l-livelli ta` radjazzjoni ta` antenna ta` din ix-xorta huma fil-parametri stabbiliti tar-radiation emission standards*** *tal-International Commission for Non-Ionising Radiation Protection (l-ICNIRP). L-Awtorita` gjaladarba l-livelli jkunu fil-parametri stabbiliti mill-ICNIRP ma ghandha l-ebda vires fil-ligi li allura b`sahha taghhom tista` ulterjorment tintervjeni. Dan qed jinghad fil-kuntest tat-talbiet kif dedotti mir-rikorrenti fejn*

*allura fost l-ohrajn l-Awtorita` ntimata qed tigi mitluba biex hi stess tnehhi l-imsemmi antenna ;*

*2. Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost in-nullita` tar-rikors promotur da parti tar-rikorrenti l-Professur Peter Xuereb, Angela Xuereb, Raymond Attard, Catrina Attard, Victor Buttigieg, Rose Marie Buttigieg, Patrick Vassallo u Catherine Vassallo dan peress li r-rikors odjern hu null ghaliex dawn ir-rikorrenti – ghajr il-Kunsill Lokali ta` Hal-Lija – naqsu milli jsegwu l-procedura mfassla fl-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Skont din il-procedura, qabel ma ntavolaw il-kawza odjerna, ir-rikorrenti fuq imsemmija kienu tenuti skont il-ligi li l-ewwel jinnotifikaw lill-Awtorita` ntimata b`ittra ufficjali fejn fiha jfissru t-talbiet jew pretensjonijiet taghhom b`mod car. Minn dan kollu pero` da parti ta` dawn ir-rikorrenti ma sar xejn u l-Awtorita` ntimata minflok giet mal-ewwel notifikata bil-kawza odjerna maghmula ghan-nom ta` dawn ir-rikorrenti ;*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kawza fil-konfront tal-Awtorita` ntimata saret inutilment u hi bir-rispett vessatorja, dan ukoll tenut kont ta` spjegazzjoni gja` moghtija tar-rwol tal-istess Awtorita` meta din diga` gharfet lir-rikorrenti l-Kunsill Lokali ta` Hal-Lija fil-kontro-protest tal-istess Awtorita` ntimata, fejn fost l-ohrajn l-Awtorita` spjegat li la hi sid il-fond fejn allura gie nstallat l-antenna in kwistjoni, lanqas ma hi s-sid l-antenna in kwistjoni u li ghalhekk l-Awtorita` ma kellha u ma ghandha l-ebda kontroll ta` fejn jitqieghed l-imsemmi antenna ;*

*4. Illi inoltre l-Awtorita` kienet spjegat fil-kontro-protest taghha gja` msemmi li hi ma ghandha l-ebda rwol regolatorju biex hi tiddeciedi jekk l-antenna hux jew le ta` periklu ghas-sahha tal-pubbliku. L-Awtorita` intimata spjegat bl-aktar mod car li r-rwol taghha bil-ligi hu ristrett ghal wiehed fejn hi tassigura li l-livelli ta` radjazzjoni ta` antenna ta` din ix-xorta huma fil-parametri stabbiliti tar-radiation emission standards tal-ICNIRP. Ghal kull buon fini f`dan ir-rigward l-Awtorita` ntimata taghmel riferenza ghar-Regolamenti dwar Networks u Servizzi ta` Komunikazzjonijiet Elettronici fejn fit-Tnax-il Skeda t-Taqsima 2 Sezzjoni B paragrafu 13.2 ta` dawn ir-Regolamenti, hemm provdut li ntrapriza awtorizzat – bhalma allura hi l-Melita Mobile plc – biex din toffri servizz ta` komunikazzjoni elettronika hi marbuta bil-kundizzjoni li tinsab fil-paragrafu 13.2 gja` citat ;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti t-talbiet kollha maghmula mir-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dan bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nkluz fil-konfront tar-rikorrenti l-Kunsill Lokali ta`*

*Hal-Lija dawk tal-kontro-protest datat ta` Jannar 2009 prezentat mill-Awtorita` intimata kontra r-rikorrenti l-Kunsill Lokali ta` Hal-Lija.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Awtorita` konvenuta, il-lista tax-xhieda ndikati minnha, u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti l-ohra fis-16 ta` Awwissu 2011 li taqra :-

***1. Legittimu kontradittur***

*Illi preliminarjament, is-socjeta` intimata Melita p.l.c. mhijiex il-legittimu kontradittur f`dawn il-proceduri stante illi x-xoghlijiet ta` installazzjoni tal-antenna "Repeater" jew ahjar maghrufa bhala "mobile phone base station" fuq il-bejt tal-fond 56, Triq Preziosi, Hal Lija saru mis-socjeta` Melita Mobile Limited kif jixhed il-kuntratt ta` installazzjoi, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, u mhux mis-socjeta` intimata Melita p.l.c.*

***2. Locus Standi***

*Illi mingharj pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill Lokali ta` Hal Lija ma ghandux locus standi f`daw il-proceduri stante illi l-Artikolu 33 tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta` Malta jelenka b`mod esawrit, il-funzjonijiet kollha tal-Kunsill u l-azzjoni li jista` jiehu. Dan l-Att ma jaghti ebda jedd lill-Kunsill Lokali ta` Hal Lija li jibda proceduri ghan-nom tar-residenti tal-lokalita`, aktar u aktar meta l-maggior parti ta` dawn ir-residenti allegatament milquta mhumiex lanqas maghrufa, wisq anqas identifikati.*

*A bazi tal-principju ubi lex voluit lex dixit, li kieku l-ligi riedet taghti l-Kunsill Lokali s-setgha li jibda proceduri legali ghan-nom tar-residenti tal-lokalita` taghha, dan kienet tghidu b`mod car. Fis-silenzju tal-ligi, irid jigi mifthiem illi l-Kunsill Lokali fil-fatt m`ghandux locus standi biex jiftah din il-kawza.*

***3. Interess Guridiku***

*Illi, interess ta` rikorrent f`kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-*

*attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni tad-dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.*

*Illi, ir-rikors promotur ma jaghti ebda ndikazzjoni tal-indirizz fejn jirrisjedu r-rikorrenti l-ohra apparti l-Kunsill Lokali. Ma hemm ghalhekk l-ebda prova biex turi illi r-rikorrenti huma residenti Hal Lija u/jew f`liema parti ta` Hal Lija joqghodu u illi allura bl-ebda mod ma jista` jinghad illi dawn qeghdin jigu affetwati negattivament mill-installazzjoni ta` din l-antenna u ghalhekk konsegwentement mhuwiex maghruf jekk ghandhom interess guridiku.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-interess rikorrenti jrid dejjem ikun konkret u mhux ipotetiku. Ir-rikors promotur jaghmel riferenza ghall-fatt illi l-installazzjoni tal-antenna ikkreat sitwazzjoni "fejn illum hemm <u>probabilita`</u> li s-sahha taghhom tista` tigi affetwata negattivament." Illi ghalhekk ir-rikorrenti urew li ghad m`hemmx il-vjolazzjoni tad-dritt u ghalhekk id-dritt ghadu mhux attwali. Nieqes dan l-element tal-interess guridiku, hija nieqsa wkoll il-fakolta` tal-intimati li jipprotegu dritt li ghad ma giex vjolat u li ma jidher m`hemm ebda prova li turi li jista` jigi vjolat fil-futu vicin. Dan il-fatt tal-assenza tad-dritt vjolat jidher ukoll meta r-rikorrenti naqsu milli jibbazaw ir-rikors promotur fuq provvediemnt cara u partikolari tal-ligi. Din l-assenza ta` bazi legali juri b`aktar qawwa l-fatt illi ghad ma hemmx vjolazzjoni ta` dritt u illi allura l-elementi kollha biex wiehed ikollu interess guridiku ghadhom neqsin.*

### *4. <u>L-Intimati Konformi Mal-Ligi</u>*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-installazzjoni tal-antenna in kwistjoni sar skont ir-regolamenti hekk stipulati fl-Avviz Legali 115 tal-2007 'Ordni Dwar in-Notifikazzjoni Dwar Zvilupp', (L.S. 356.07) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta` Malta. Din l-installazzjoni giet ukoll inspezzjonata u hija konformi mar-rekwiziti tal-Awtorita` ta` Malta tal-Ambjent u l-Ippjanar li vverifikaw li kollox hu konformi mal-ligi.*

### *5. <u>Nuqqas ta` Periklu Ghas-Sahha</u>*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, m`hemm ebda evidenza li turi illi l-installazzjoni ta` tali 'mobilephone base station' tohloq jew tista` tohloq xi hsara ghas-sahha tar-rikorrenti wisq inqas ghar-residenti kollha ta` Hal Lija. Kull allegazzjoni li tghid li hemm evidenza li 'mobilephone base station' jippregudika sahhet in-nies hija fattwalment infondata. Dawn l-installazzjonijiet kif ukoll l-uzu ta` 'mobilephone base station' huma essenzjali ghall-operat tal-licenzja 3G*

*mahruga mill-Awtorita` ta` malta ghall-Komunikazzjoni u dan kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. B'.*

*Illi kull 'mobilephone base station' ghandha tkun konformi mal-linji gwida tal-'International Commission on Non-Ionizing Radiation Protection (ICNIRP)', liema linji gwida huma addottati u mhaddnin mis-socjeta` Melita Mobile Limited (Vide u Dok. C). Illi skont id-dokument hawn anness din il-Kummissjoni ssostni illi :*

*"Over the past 60 years, the potential effects resulting from exposure to these RF fields have been the subject of a wide-ranging body of research. At present, **there is no substantive evidence that the adverse health effects can occur in people exposed to RF levels at or below the limits set by international standards**."*

*Illi ghalhekk l-allegazzjoni maghmula mir-rikorrenti hija bla bazi stante illi waqt li s-socjeta` Melita Mobile Limited qieghda tistrieh fuq 'standards' internazzjonali, ir-rikorrenti mhmiex f`posizzjoni li jipprezentaw l-ebda forma ta` prova li juri li hemm possibilita li din il-mobile phone base station li hija konformi mal-linja gwida, huma perikoluzi ghas-sahha tal-bniedem.*

*Illi minghajr pregudizzju l-allegazzjonijiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ukoll minhabba l-fatt illi jezistu fil-loaklita` ta` Hal Lija erbgha 'mobile phone base stations' ohra operati u nstallati minn kumpanniji differenti minn dik intimata u liema 'stations' jinsabu fil-vicin ta` dak installat minn Melita Mobile Ltd, u cioe` fi Triq Sant` Andrija, Triq Carmel Farrugia u tnejn fi Triq Sir Ugo Mifsud. Illi kieku huwa minnu illi l-antenna in kwistjoni qieghda tikkawza hsara fuq sahhet l-intimati, kieku din l-istess kawza kienet tigi ukoll istitwita kontra l-kumpanniji li nstallaw l-erbgha antenni l-ohra li jinstabu Hal Lija li allura, bl-istess ragunament, ukoll qeghdin jikkawzaw danni ghal sahhet ir-rikorrenti.*

*6. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-fatt elenkati, tad-dokumentazzjoni hawn mehmuza u tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-intimati Rosanne u John David Galea u s-socjeta` intimata Melita p.l.c. [C-12715], umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha: tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-kontro-protest gudizzjarju 32/09 datat 27 ta` Jannar 2009.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti koncernati, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat li tat fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2009 fejn hatret lill-Professur Joseph Agius bhala espert tekniku, bl-assistenza ta` l-Av. Dr. Anna Mifsud Bonnici, sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici mil-lat tekniku, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat id-direzzjonijiet li tat lill-espert tekniku ghat-twettieq tal-inkariku tieghu fl-udjenza tal-1 ta` Dicembru 2009.

Rat illi wara l-presentata tar-relazzjoni, l-esperti taghha kkonfermaw il-kontenut bil-gurament fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2010.

Rat ir-relazzjoni peritali u l-atti li kienu pprezentati maghha.

Rat id-domandi li ghamlet il-konvenuta Melita plc ghall-fini tal-eskussjoni tal-perit tekniku.

Semghet ix-xiehda in eskussjoni tal-perit tekniku fl-udjenza tat-13 ta` Lulju 2010.

Rat in-nota guramentata tal-Professur Joseph Agius u tal-Av. Dr. Anna Mifsud Bonnici b`risposti ghal domandi in eskussjoni li kienet ipprezentata fit-30 ta` Settembru 2010.

Rat iz-zewg rapporti ta` Dr Stephanie Bezzina Wettinger li pprezentaw l-atturi fid-9 ta` Dicembru 2010 u fit-2 ta` Mejju 2011.

Rat iz-zewg rapporti tal-Professur Charles V. Sammut li pprezentat l-Awtorita` konvenuta fis-6 ta` Jannar 2011.

Rat ir-rapport tal-Ing. James Spina li pprezentat il-konvenuta Melita plc fil-25 ta` Jannar 2011.

Rat il-verbal tal-access kondott mill-Qorti fis-sit in kwistjoni nhar it-Tlieta 22 ta` Frar 2011.

Rat l-erbghin (40) ritratt li kienu pprezentati mill-atturi fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2011.

Semghet ix-xiehda tal-Professur Joseph Agius fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2011.

Rat ir-rapporti tal-Professur Daniel Massa u tal-Professur Pierre Mallia li pprezentaw l-atturi fis-17 ta` Ottubru 2011.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut John Galea u tal-Professur Joseph Agius fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Adrian Galea u ta` Ivan Borg fl-udjenza tad-29 ta` Marzu 2012.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn hatret lill-Perit Valerio Schembri bhala perit tekniku sabiex jeccedi fuq il-post u jistabilixxi in linea mal-ligijiet vigenti ta` ppjanar, ambjent u struttura l-massimu tal-gholi illi tista` titla` l-base station tal-antenna in kwistjoni.

Semghet ix-xiehda tal-Ing. James Spina fl-udjenza tal-24 ta` Mejju 2012.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-Perit Valerio Schembri u li l-kontenut taghha kkonferma bil-gurament tieghu fl-udjenza tas-6 ta` Dicembru 2012.

Rat l-atti li kienu pprezentati mar-relazzjoni.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru fl-udjenza tas-17 ta` Gunju 2014.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-11 ta` Dicembru 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

## 1) <u>Xiehda</u>

**<u>Il-konvenut John Galea</u>** xehed illi r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta Melita plc (minn issa `l quddiem tissejjah 'Melita') hija kontrattwali fis-sens illi Melita tista` tinstalla *antenna* fuq numru ta` proprjetajiet li ghandhom. Qal illi ghandu tlett proprjetajiet ohra li fuqhom hemm *antennae* tal-Melita. Kien ukoll klijent ta` Melita billi kien juza s-servizzi taghha. Ma kenitx Melita li avvicinatu dwar l-*antennae* izda l-offerta ghamlilha hu flimkien mal-mara tieghu. Huwa ma jabitax fil-post ta` Hal-Lija ghaliex ir-residenza ufficjali tieghu hija post li ghandu go Ghawdex.

Xehed illi meta kien jahdem mal-Awtorita` Marittima ta` Malta huwa kien involut mar-*radar chain network* li jdur ma` Malta. Ghamel 15-il sena jahdem fl-IT u l-ahhar hames snin kienu dedikati fuq *high power system.* Huwa attenda korsijiet u konferenzi biex ikun jista` jiehu hsieb *tenders.* Fuq l-iskorta ta` dan l-gharfien, huwa sostna li l-*antenna* li qeghdet Melita fuq il-post tieghu ta` Hal-Lija ma tikkostitwixxi periklu. Li kieku kien konvint xort`ohra ma kienx se jippermetti l-installazzjoni fuq il-bini tieghu.

Ighid illi apparti r-ricerka li ghamel huwa stess, huwa tkellem ma` diversi nies li kkonfermaw li ma kienx hemm periklu. Tkellem ma` habib tieghu certu Roger Davis Barret, li kien impjegat ta` Melita. Ra studji li saru mill-Awtorita` konvenuta fejn ma deherx li kien hemm periklu sakemm persuna ma tqieghdx rasha propju hdejn l-*antenna.* Il-persuni li tkellem maghhom spjegawlu minn fejn seta` jikseb informazzjoni.

Stqarr illi fil-post ta` Hal-Lija jirrisjedu studenti li jattendu korsijiet imnieda mill-mara u minnu.

Sostna li wiehed mill-girien certu Patrick Vassallo kien offra l-bejt tieghu biex titqieghed l-*antenna.*

Ippreciza li qabel twahhlet l-*antenna* ma kkonsultax mal-girien.

**<u>Adrian Galea</u>** mill-Awtorita` konvenuta xehed illi huwa kien responsabbli minn grupp ta` nies li jaghmlu *monitoring* u *measurements* fuq il-*magnetic fields.* Huwa jkejjel ir-radjazzjoni li tohrog mill-*base station antennae* bhalma huma tal-*mobile phones.*

Qal illi r-rwol ta` l-Awtorita` konvenuta huwa li tassigura li l-operaturi qed josservaw il-kundizzjonijiet tal-licenzja, fosthom il-kundizzjoni li l-livell ta` radjazzjoni jkun *compliant* ma` l-*international standards* addottati minn Malta. L-*istandards* huma dawk ta` l-*Internal Commission on Non Ionising Radiation Protection* u bhala ghazla ta` *standards* dawn ma sarux mill-Awtorita` izda mill-awtoritajiet tas-sahha pubblika u huma riflessi fil-ligijiet taghna. L-Awtorita` ma tindagax jekk livell jaghmilx hsara jew le, izda tara li l-livell ma jeccedix il-*maximum level* ta` l-*istandards.* Qal illi kull darba li jsir lment, huma jmorru fuq il-post, jiehdu l-mizurazzjonijiet, ihejju rapport u jghadduh lill-awtoritajiet tas-sahha pubblika. Imbaghad jispetta ghal dawn tal-ahhar li jistabilixxu hemmx periklu inkella le.

Stqarr illi l-Awtorita` rceviet ittra minghand il-Kunsill Lokali ta` Hal-Lija datata 30 ta` Settembru 2008. Meta huma marru fuq il-post, ma kienx hemm *antenna.* Wara li l-*antenna* twahhlet, rega` marru fuq il-post u hadu mizurazzjoni kemm mill-*antenna* tal-Melita kif ukoll mill-*antennae* l-ohra. Il-Kunsill attur kien infurmat bir-rizultanzi. Il-Kunsill wiegeb b`ittra tas-26 ta` Novembru 2008. Qal illi meta ttiehdu l-*measurements*, ir-rizultat kien illi l-*emissions* kollha ossija kemm ta` l-istallazzjoni tal-Melita, kif ukoll sinjali gejjin minn postijiet ohra, kienu *below the limits* stabbiliti fil-ligijiet taghna u fil-licenzja ta` l-operatur. Ir-rapport taghhom mar ghand l-awtoritajiet tas-sahha. Insista li huma agixxew fuq l-ilment u sabu li kollox kien *within the threshold limit.*

Stqarr illi baqa` jsir *monitoring* tal-post mertu ta` din il-kawza. Infatti bejn Ottubru 2008 u Novembru 2009 saru hdax (11) -il tip ta` *measurements* li minnhom irrizulta li l-livelli kienu *below the threshold.* Fisser illi bhala *limit* ma taghmilx differenza jekk post huwiex abitat jew le. Jittiehed dejjem *the worst case scenario* sabiex in-nies li jghixu fil-madwar ikunu protetti. Huwa kkonferma li r-*readings* minn fuq il-bejt fejn hemm imwahhla l-*antenna* huma wkoll anqas mill-*istandards.*

Fil-**<u>kontroezami</u>** Adrian Galea xehed illi n-nies taghhom ltaqghu mar-residenti meta marru jkejjlu. Ma jafx kienx hemm laqghat mal-Kunsill Lokali. Sostna li l-Awtorita` ma tidholx fi kwistjonijiet ta` ppjanar. Ir-rwol taghha huwa li tassikura li l-operatur ikun konformi mal-licenzja.

**<u>Ivan Borg</u>** xehed illi huwa hadem bhala *frequency investigation technician* ukien inkarikat mis-superjuri tieghu sabiex jaghmel *test* fil-fond 57, Triq Preziosi, Hal Lija. Flimkien ma` Kevin Aquilina marru diversi drabi fil-post jaghmlu testijiet. Fit-3 ta` Ottubru 2008, huwa mar biex jaghmel kalkoli izda fil-post sab biss xi hadid peress li l-*base station* kienet ghadha ma tpoggietx. Huwa xorta ghamel *test* tal-madwar. Mit-*test* hargu rizultati ta` l-operaturi l-ohra u cioe` Vodafone u Go. Sab illi l-livelli kienu ta` 10.52. Il-livell huwa 100% u dan kien biss 10.52%. Fit-12 ta` Jannar 2009 sar *test* minn fuq it-*turetta* fejn kien

hemm l-installazzjoni tal-Melita. Ir-rizultat kien li l-persentagg kien tela` ghal 13.61%. Saru diversi *measurements* u dejjem instab li kien *within the limits.*

Qal illi meta l-kejl jittiehed mit-triq il-livell ikun aktar baxx. Is-superjur Adrian Galea tah struzzjonijiet biex imur fuq is-siti in kwistjoni. Isir rapport li jintbaghat lil min jaghmel l-ilment kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sahha. Sostna li ma nstabu l-ebda abnormalitajiet.

Fil-**kontroezami**, Ivan Borg fisser illi meta jittiehed *reading* huma jiehdu l-*actual* ossija dak li jkun hemm dak il-hin, pero` r-rizultat ikun daqs li kieku qeghda *in full operation.* Qal illi aktar ma jkun hemm distanza, il-livell jonqos aktar. F`kull okkazjoni li marru, is-sitwazzjoni baqghet kif kienet.

**L-Ing. James Spina** xehed illi l-*head of distribution networks* kif ukoll tal-*fixed network* ta` Melita. Il-kumpannija hija licenzjata mill-Awtorita` konvenuta sabiex topera *network nationwide* go Malta u Ghawdex ta` 3G *telecommunications.* Skont il-licenzja, l-*antennae* jridu jitwahhlu skont il-parametri kemm ta` l-Awtorita` tal-Komunikazzjoni kif ukoll ta` l-Awtorita` tal-Ippjanar.

Fisser illi inizjalment meta n-*network* ikun ghadu se jsir, ikun hemm *software modelling* min-naha ta` l-inginiera u jinghazlu *search areas* li huma postijiet fejn jistghu jitwahhlu l-*base stations.* Imbaghad isir *site acquisition* f` dawk il-postijiet fejn jigu maghzulin proprjetajiet li jkunu applikabbli u li jkollhom il-kriterji adattati biex jigu nstallati *antennae.* Isir ftehim mas-sidien u wara ssir l-istallazzjoni. Fil-kaz partikolari, huma avvicinaw lis-sid tal-proprjeta` 56, Triq Preziosi, Lija, peress li diga` kellu siti ohra b`*antennae* taghhom. Qal illi l-*guidelines* tal-MEPA kienu dawk li nhargu fl-avviz legali 115 tal-2007 mentri l-*guidelines* ta` l-Awtorita` konvenuta huma ta` l-ICNIRP, li huma *guidelines* li jistabilixxu l-*emissions* minn *base stations* vis a` vis l-ambjenti tal-madwar.

Qal illi fir-rapport li huwa hejja, sar uzu mill-mizurazzjonijiet li ttiehdu mill-espert tal-Qorti u mit-*technicians* tal-Awtorita` konvenuta. Il-kalkoli saru skont *equations* li tipprovdi l-ICNIRP. Saru kalkoli ghal kull dar li marru fiha izda kien hemm proprjeta` minnhom fejn saru kalkoli kemm fuq il-bejt u kif ukoll fil-kamra tas-sodda. Spjega li kien hemm zewg *readings* : wiehed *broadband* li huwa sett ta` *readings* li jkopri l-frekwenzi kollha li wiehed jista` jircievi fil-post ; mentri l-iehor huwa *frequency selective* sabiex tkun taf min qed jikkontribwixxi ghal dik ir-radjazzjoni. L-oghla *readings* instabu li kienu fuq il-bejt u immirati lejn l-*antennae.* Fuq il-proprjeta` *Snowdonia* kien hemm *measurement* ta` 0.073% tal-*general public exposure* u l-*adjusted measurements* tal-*worst case scenario* kien ta` 2.93%. Il-massimu li nqara fil-proprjeta`

*Snowdonia* huwa ekwivalenti ghal *fraction* ta` 1706 mill-ICNIRP *Basic restriction threshold level.*

Kompla stqarr illi l-*actual reading* huwa dak li jinqara mill-*equipment* dak il-hin. Fil-kejl li ttiehed, kien meqjus wkoll li l-Melita` tista` tixghel it-tieni frekwenza. Sostna li l-*base station* kienet qeghda topera *well within the guidelines* imposti fuq Melita. Insista li l-gholi ta` l-*antenna* huwa wkoll fattur importanti fil-*performance* tan-*network.* Aktar ma tkun fl-gholi, aktar jkun facli biex jopera peress li jkun hemm inqas *shadowing.* Ikun ahjar illi l-*station* ikun gholi kemm jista` jkun izda mbaghad hemm ir-restrizzjonijiet tal-MEPA. Bil-permess ezistenti, l-*antenna* tista` toghla b`1.35 metri aktar milli hi llum. Jekk toghla b`1.3 metri mhux ser ikun hemm differenza fil-*performance* ta` l-*antenna.* Jekk toghla b`5 metri, ikun ahjar biex topera u r- *readings* jonqsu aktar. Bil-permess vigenti ma jistax isir dak l-gholi peress li anke estetikament il-MEPA ma tippermettix.

Qal ukoll li s-sid ta` post bin-nru 7 fl-istess triq insista li jittiehdu *readings* fil-kamra tas-sodda u fuq il-bejt. Ir-*readings* mill-kamra tas-sodda kienu ferm aktar baxxi ; l-*acutal measurements* kienu 0.001% mentri l-*adjusted worst case* kienu 0.05%.

Fil-**<u>kontroezami</u>** l-Ing. Spina xehed illi fil-vicinanzi ma kien hemm proprjeta` aktar fil-gholi minn dik il-kwistjoni. Il-valuri tal-ICNIRP tal-*general exposure* tal-pubbliku huma intizi appositament ghal persuna li jkun involontarjament qieghed fil-post. Taghmel differenza jekk wiehed joqghod fuq il-bejt ghal hames minuti jew jekk joqghod ghal hin twil fuq il-bejt. Apparti l-gholi, il-*beam* tista` tigi *tilted* ukoll. Jekk l-*antenna* toghla, il-*beam* ma tkunx disghin (90) *degrees.*

Fir-**<u>riezami</u>**, ix-xhud stqarr illi jekk titnehha l-*antenna* in kwistjoni, Melita ma jkollhiex *coverage* fiz-zona. Jekk ikun hemm ordni ta` tnehhija tal-*antenna,* ikun hemm bzonn li jsiru numru ta` *antennae* fil-*perimeter* ta` dak is-sit. Mhuwiex ottimali li jkun hemm aktar *antennae* in sostituzzjoni ta` dik li hemm illum. Qal li l-espert tekniku Professur Agius wasal ghal persentaggi differenti minn tieghu ghaliex ix-xhud hadem fuq il-*guidelines* ta` l-ICNIRP. Fl-istess waqt kemm il-kalkoli tieghu kif ukoll dawk tal-espert tal-Qorti huma *within the thresholds.*

**2) <u>Ir-relazzjoni tal-espert Professur Joseph Agius</u>**

Il-Qorti nkarikat lill-Professur Joseph Agius bhala espert sabiex jipprepara relazzjoni teknika dwar il-kaz.

Fir-relazzjoni tieghu, il-Professur Agius ighid hekk :-

*i) L-ghan ta` din l-inkjesta kien, li jigu stabbiliti l-livelli tal-emissjonijiet ta` radjazzjoni elettromanjetika mhux ionizzanti propagati fil-faxx ta` frekwenza 0-3000NHz uzati mill-mobile phones u illi jigi vverifikat jekk dawn il-livelli humiex eccessivi. Dan il-ghan intlahaq, permezz tal-kejl u tal-interpretazzjoni tas-sinjifikat tar-rizultati ottenuti.*

*ii) L-emissjonijiet tal-livelli ta` radjazzjoni fuq kull sit gew investigati u mkejjla fil-pont jew pozizzjoni fejn dawn l-emissjonijiet kienu l-aktar gholja u dan sabiex jigu stabbiliti l-worst case conditions. Permezz ta` frequency selection gew investigati l-faxx ta` frekwenzi li jkopru siti ta` UMTS, GSM, TV-UHF u DVB-T, utilizzati kemm mill-intimata socjeta` Melita u minn operaturi ohra u cioe` l-GO u l-Vodafone.*

*iii) Il-kejl tal-livelli tar-radjazzjoi sar f`termini ta` electromagnetic field strength units u espresso bhala decibel microvolts per metre (dBuV/m). Minn dawn il-units u permezz ta` formuli matematici, gew derivati units ohra u cioe` l-electromagnetic fild strength E volts/metre (V/m) u l-equivalent wave power density S eq watts.square metre). Gew ukoll applikati xi aggustamenti sabiex jirrendu l-valuri mkejla aktar realistici u ezatti u dank if jidher f` Dok A1- A5.*

*iv) Il-livelli ta` radjazzjoni elettromanjetika li l-erbgha rikorrenti qeghdin jircievu gewwa r-residenzi taghhom, kawza ta` l-emissjonijiet li qed jigu trasmessi mill-mobile phone antenna base station operat mill-intimata socjeta` Melita, illi jinsab vicin dawn ir-residenzi u minn antanna base stations aktar remote mir-residenzi tar-rikorrenti izda operati minn provdituri ohra, huma kollha sew aktar baxxi mill-limiti permissibbli mill-Awtorita` ta` Malta dwar il-Kommunikazzjoni.*

*v) F` termini ta` kwantifikazzjoni, jirrizulta li l-oghla livell ta` radjazzjoni ottenut mill-kejl kien dak ta` 140.3 dBuV/m, illi jigi ekwivalenti ghall-electromagnetic field intensity ta` E=10.3518V/m u anki ghall-equivalent plane wave power density ta` S eq =0.2844 W/m2 u dan meta l-valuri massimi permissibli mill-ICNIRP huma dawk ta` E=61V/m u ta` S eq =10W/m2 rispettivament. Dawn il-livelli massimi ta` radjazzjoni huma dovuti ghall-emissjonijiet ppropagati mill-antenna base station ta` Melita plc u tkejjlu fir-residenza tar-rikorrenti Victor Buttigieg, illi ghalhekk jigi dak illi qieghed jircievi l-oghla livelli ta` radjazzjoni.*

*vi) Fil-kaz tar-rikorrenti Peter Xuereb u Ray Attard jirrizulta illi l-oghla intensita` ta` radjazzjoni li huma qeghdin jircievu qed tigi ppropagata mill-antenna base station tal-Go.*

*vii) Mill-analizi tar-rizultati johrog ukoll, illi l-public exposure quotients li huma derivati mir-readings tal-livelli tar-radjazzjoni mkejjla u li wkoll jirraprezentaw il-mejda tal-livelli akkumulati tal-emissjonijiet ippropagati flimkien mit-tlitt operaturi Melita plc, Go u Vodafone jammontaw biss ghal*

*18.46% tal-General Public Exposure Limited 0-3000 Mhz stipulate mill-ICNIRP u addottati mill-Unjoni Ewropeja.*

*viii) Jigi wkoll innotat, illi l-general public exposure limit levels stipulati mill-ICNIRP fit-tabelli kontenuti fir-rapporti mmarkati Dok A u li gew ukoll addottati fil-kaz ta` din l-inkjesta, huma aktar baxxi mill-basic restriction limit levels b` fattur (safety factor) ta` 50. Il-basi restriction limit levels, jirraprezentaw dawk il-livelli ta` protezzjoni, illi jekk jigi maqbuza, espozizzjoni ghar-radjazzjoni elettromanjetika (u cioe`l-frekwenzi tar-radju) jistghu jkunu ta` dannu ghas-sahha.*

*ix) Mill-banda l-ohra jigi wkoll innotat illi l-valuri tal-livelli li tkejlu matul l-access jistghu ukoll jitilghu u jinzlu matul hinijiet ohra, ghalkemm mhux b`margin gholja hafna. Ghaldaqstant, jirrizulta illi r-rikorrenti qed jigu esposti ghall-emissjonijiet ta` livelli varjabbli ta` radjazzjoni elettromanjetika ghall erbgha u ghoxrin siegha kuljum, ghalkemm ir-rizultati ta` din l-inkjesta jikkonfermaw, illi dawn il-livelli huma sew inqas mil-livelli stipulati mill-awtoritajiet kompetenti lokali (l-MCA) u internazzjonali. Infatti, din is-sitwazzjoni hija wkoll applikabbli ghall-maggoranza tal-poplu ta` Malta u allura tista` titqies bhala kampjun.*

*x) Waqt li l-mobile phones huma ta` utilita` ghall-kumdita` u l-progress socjali, dawn l-apparati ma jkunux jistghu joperaw minghajr l-uzu tal-mobile phone base station. Illi wkoll iridu jkunu ta` numru sufficjenti u lokalizzati f`pozizzjonijiet geografikament strategici u korretti sabiex permezz tal-antenna taghhom ikunu jistghu jigu transmessi t-telefonati tan-nies jew informazzjoni ohra. Izda mill-banda l-ohra, jezisti l-argument u ghadha qed issir ricerka dwar l-estent dwar kemm l-emissjonijiet tar-radjazzjoni elettromanjetika ppopagati minn dawn il-mobile phone stations u fil-fatt ukoll mill-mobile phones per se, huma ta` hsara ghas-sahha tan-nies. S`issa gie stabbilit* ***illi r-radjazzjoni elettromanjetika li mhix ionizzanti u li tkun teccedi l-limiti specifikati mill-ICNIRP tista` tikkawza effetti ta` shana (heating effects) fil-gisem tan-nies esposti.***

*xi) Huwa indispensabbli illi bhala precedenza, is-sahha tan-nies u l-aktar tal-minorenni ghandha tkun protetta. Mill-banda l-ohra mhux prattikament vijabbli illi jitwaqqaf l-uzu tal-mobile phones. Fid-dawl ta` din is-sitwazzjoni problematika, tinqala` l-htiega illi jigu ifformulati soluzzjonijiet li jwasslu sabiex l-effetti negattivi tal-emissjonijiet jigu mitigati. Uhud mis-soluzzjonijiet rikomandati jinkludu :-*

*a) illi sa fejn hu prattikament possibbli titnaqqas il-qawwa (transmitted power) ta` kull base station antenna, filwaqt li wkoll jigi zgurat illi l-intensita` ta` l-emissjonijiet tar-radjazzjoni tal-antennas min- naha ta` wara u tal-gnub ta` fuq u t` isfel, ikunu kemm jista` jkun, baxxi. Dan ghandu jirriduci r-radjazzjoni lejn il-gewwieni u l-gnub tal-bini tal-qrib. Fl-intervall, m` ghandhomx ikompli jizdiedu aktar operaturi.*

*b) Fil-kaz odjern, jigu riveduti mill-Awtoritajiet kompetenti koncernati il-pozizzjonijiet prezenti tal-antenna tal-Melita, flimkien ma` dawk tal-operaturi l-ohra, bi skop u attentat li jinstabu pozizzjonijiet ottimi u prattici fejn l-effetti tal-emissjonijiet minn dawn l-antennae jigu mitigati. Fl-opinjoni u fl-esperjenza tal-esponent, ezercizzju ta` din ix-xorta jista` mill-banda l-ohra johloq ukoll problema sostanzjali u dan l-aktar, minhabba d-diffikultajiet sabiex jinstabu siti alternattivi sodisfacenti, inkluzi l-permessi mis-sidien taghhom u mill-MEPA.*

*c) Isir monitoragg tas-sit in kwistjoni. Sabiex ikun tassew effettiv, dan il-monitoragg ghandu jkun esegwit fuq medda ta` zmien (minimu ta` 5 snin) u b` mod xjentifiku minn grupp ta` esperti teknikci u esperti medici meghjuna minn esperti legali, li l-inkarigu taghhom ikun dak li bil-ghajnuna ta` statistka bazata fuq il-gbir ta` livelli ta` radjazzjoni u ta` rizultati ta` sensiela ta` ezamijiet medici perjodici fuq il-persuni affettwati, huma jkunu jistghu jaslu biex jevalwaw ir-riskji reali ghas-sahha pubblika u applikabbli ghal Malta. Wara u skond il-bzonn ikunu jistghu jsiru l-emendi relevanti u mehtiega fil-ligi.*

## 3) <u>L-eskussjoni tal-espert Professur Joseph Agius</u>

L-espert Professur Agius wiegeb ghal domandi in eskussjoni kemm *viva voce* kif ukoll bil-miktub.

Huwa xehed illi r-*radio signals* tar-radju u tat-televizjoni huma *one way* mhux *two way* bhal dawk ta` *antenna base station*. Ghalkemm hemm *antennae* ta` Go u ta` Vodafone li kienu mistharrga wkoll, jista` jkun hemm *antennae* ohra bhal *Wi-Fi* li wkoll jittrasmettu izda dawn huma aktar *weak* mill-emissjonijiet tal-*base stations*. Huwa kkonferma li s-sahha tar-radjazzjoni tiddependi mid-distanza ta` l-apparat li jemetti r-radjazzjoni, ghalkemm dan jikkostitwixxi fattur wiehed billi hemm imbaghad fatturi bhall-qawwa tar-radjazzjoni u t-tul li persuna tigi esposta. Huwa kkonferma li saret investigazzjoni fuq l-emissjonijiet tal-*base stations* ta` Melita, Go u Vodafone mhux dwar emissjonijiet minn *mobile phones* u *Wi-Fi*. Il-perit tekniku spjega li meta wiehed jircievi telefonati, ir-radjazzjoni tkun baxxa.

Professur Agius qal illi r-regoli ta` l-UE, il-linji gwidi ta` l-IKBIP, l-Istandards Internazzjonali ta` l-ITU, ta` l-MCA u ta` l-MEPA kienu kollha osservati fil-kaz tal-lum. Il-valuri tar-rizultati tal-livelli ta` emissjonijiet li johorgu mill-investigazzjoni li ghamel jaqghu fit-tielet faxxa u cioe` *general public exposure level* tal-IKNIP *Guidelines*. Il-*public exposure level are a factor of 50 below the basic restrictions* skont ir-regolamenti ta` ICNIRP.

Insista li ghalkemm il-kawza tal-lum titratta l-emissjonijiet ta` radjazzjoni mill-*base stations* ta` Melita, huwa xorta nvestiga l-emissjonijiet ta` Vodafone u GO. It-telefoni cellulari u apparti ohra tal-Wi-Fi ma gewx inkluzi fl-

investigazzjoni tieghu. It-*total exposure quotients (calculated from actual measurements)* gew derivati ghal kull residenza individwali billi sar ezami ta` l-medja tal-qawwa jew sahha tal-emissjonijiet kumultattivi tat-trasmettituri tal-*base stations* li tkejjlu mill-*meters* tal-Awtorita` konvenuta.

Qal illi l-kalkoli tat-*total exposure quotients* u l-valuri tal-persentaggi ta` ICNIRP`s *public exposure levels* huma bbazati fuq formuli matematici kif specifikati fil-linji gwida tal-ICNIRP. Id-differenza bejn *total exposure quotients (calculated from actual measurements)* u *total exposure quotients (calculated from adjusted measurements)* hija dovuta ghall-aggustament li jrid isir fil-qari attwali tal-*meters* minhabba l-fattur tal-incertezza. Din l-incertezza hi attribwita ghal ragunijiet ta` risoluzzjoni limitata fil-kejl tal-*spectrum analyser*, estrapolazzjoni tal-livell tal-emissjoni li tiddependi mill-volum ta` *traffic* jew numru ta` *calls* u wkoll minhabba l-karatteristici komplessi ta` certi sinjali bhal *analogue TV.* Dan jirrikjedi aggustamenti (zieda) tal-valuri miksuba tal-*measured levels* biex b`hekk jigu determinati l-valuri tal-*adjusted levels.* It-*total exposure quotients (calculated from adjusted measurements)* huwa l-aghar xenarju ta` *antenna base stations.*

Professur Agius kompla jispjega li l-oghla livelli ta` emissjonijiet instabu fil-fond "*Snowdania*" Triq Preziosi Lija ; il-persentagg ta` 48% huwa l-*worst case scenario* ghal din ir-residenza u mhux il-livell attwali li gie registrat. Il-valur ta` 18.46% huwa bbazat fuq valuri estratti mill-kejl li sar fuq dak is-sit partikolari waqt l-investigazzjonijiet tieghu u cioe` waqt l-accessi u wara li gew applikati l-*adjustments.* Biex jista` jikkonkludi kemm ivarjaw dawn il-livelli, irid isir moniteragg kontinwu u matul perijodu ta` zmien. Il-livelli ta` emissjonijiet ta` l-*antenna base station* mertu ta` din il-kawza ma jistghux jaqbzu t-*total exposure quotients (calculated from adjusted measurements)* u cioe`l-*Worst case scenario.* Insista li l-valuri mkejjla kienu aggustati sabiex jikkompensaw ghall-incertezza.

Professur Agius spjega li Melita bhala operatur ta` telefonija cellulari taghzel is-sit fejn tinstallat *antenna base station* mhux b`mod arbitrarju izda skont diversi kriterji ; fosthom *optimized radio planning ; the area to provide coverage for ; the attention of the signal at the given operating frequency ; the characteristics of the building (clutter) ; the limited power output of the user equipment ; the regulated power output of the base station.* Qal illi wahda mis-soluzzjonijiet possibbli hija li jekk is-sit maghzul sabiex jigi installat l-*antenna base station* ma jissodisfax dawn il-kriterji jkun hemm bzonn ta` hafna iktar *antenna base stations* sabiex is-socjeta` intimata tkun tista` tipprovdi servizz adegwat. Jekk il-*base station* ticcaqlaq ghal band`ohra l-emissjonijiet ta` radjazzjoni ser ikunu modifikati u jista` jkun jonqsu. Huwa rrakkomanda l-monitoragg fuq medda ta` zmien tal-livelli ta` radjazzjoni u l-effetti taghhom fuq persuni affettwati. L-idea wara din ir-rakkomandazzjoni hi li minkejja li barra minn Malta saru u ghadhom qeghdin isiru hafna studji, huwa xorta jirrakomanda li fil-kaz tal-gzejjer taghna ghandu jkun hawn *knowledge* tas-sitwazzjoni attwali taht il-kondizzjonijiet lokali. Huwa spjega li l-hames snin

suggeriti jirriflettu biss l-*long term effects* minimi tar-radjazzjonijiet elettromanjetici fuq is-sahha tal-persuni involuti. Huwa spjega li fil-prattika sabiex forsi jigu xjentifikatament stabbiliti l-effetti fuq is-sahha tal-persuni hemm bzonn aktar zmien peress li din hija kwistjoni ta` *long term investigation.*

Professur Agius kompla fisser illi jezisti tip ta` *software* sabiex jinstab l-*optimal location* fejn tigi stallata *antenna.* Huwa ma ghamilx uzu ta` dan is-*software.* L-*antennae* jridu jitqeghdu go postijiet strategici. Il-post ideali huwa dak fejn ma joggezzjonawx ir-residenti, li jkun prattiku ghal min ser jaghmel l-istallazzjoni, u jaghti servizz tajjeb. Il-post ideali mhux bilfors ikun ukoll il-post prattiku. Il-kriterji biex jigi stabbilit il-post ideali huma d-distribuzzjoni tan-nies u l-pozizzjoni fejn it-traffiku elettroniku jilhaq in-numru massimu ta` nies. L-*antenna* partikolari ma tpoggietx fil-post ideali fis-sens imfisser aktar kmieni billi tinsab eqreb in-nies. L-ahjar ikun jekk fejn titpogga tilhaq in-nies izda fl-istess waqt tkun boghod minnhom. L-*antenna* trid tkun disinjata li jkollha sahha bizzejjed biex tilhaq kwalunkwe *cell phone* li jkun hemm fl-inhawi, u fl-istess hin l *antenna* tigi pozizzjonata u lokalizzata b`mod li taghmel hsara minima lill-persuni.

Professur Agius spjega li jekk l-*antenna* titpogga go post aktar fil-gholi, allura jkun hemm aktar distanza u firxa ; per konsegwenza, l-*antenna* trid tkun ta` aktar sahha. Jista` jinstab post alternattiv ghaliha dment li kollox isir b`kalkoli u wara *pilot studies.*

Kompla qal illi f`Malta sa issa ghadhom ma bdewx jintuzaw il-*microcells* li jintuzaw barra minn Malta ; dawn jaghmlu inqas hsara lin-nies li jghixu fl-abitat. L-*ionising radiation* li hija *radiation* bhal *gamma rays, ultraviolet rays* u *xrays* jistghu jgibu l-kancer. Meta l-livell ikun ta` aktar minn 300 Ghz, dan ikun *ionizing radiation* ; meta jkun bejn 0 sa 300 Ghz, dan ikun *non-ionizing radiation.*

Insista li abbazi tat-taghrif sal-lum, ma hemmx prova li qed issir hsara izda li r-riskju qieghed hemm.

Fisser illi fl-ghazla teknika jkun hemm diversi xenarji. Il-*micro antennas* huma soluzzjoni li tnaqqas l-emissjonijiet li jkunu ta` hsara ghall-bniedem pero` jidhlu spejjez u sperimentazzjoni. Is-sistema uzata minn Melita tista` tkun valida izda imbaghad irid ikun hemm attenzjoni fuq it-tqassim. Jekk isiru antenni zghar u jkunu inqas spazjati minn xulxin, tista` tkun soluzzjoni ahjar mis-sistema adoperata sal-lum izda is-sistema trid tigi sperimentata u tista` tiswa aktar flus. Fit-teorija l-*micro cells* hija l-ahjar sistema. Mhijiex implimentata gewwa Malta.

Dwar *software tools*, l-espert xehed illi dawn huma l-programmi li jsiru sabiex jigu disinjati s-sistemi li jistghu jigu manipulati. It-teknologija li tuza Melita fl-*antenna* in kwistjoni kienet l-ahjar teknologija li kienet disponibbli fiz-zmien meta saret. Ma jeskludix li din tista` tevolvi jew li mhijiex qed tevolvi teknologija ohra f` dan il-kamp li tista` timminizza r-riskju, izda safejn jaf hu, din it-teknologija mhijiex prezenti gewwa Malta.

**4) <u>Ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri</u>**

Fil-kors tal-kawza, il-Qorti deherilha opportun illi tahtar lill-Perit Valerio Schembri bhala perit tekniku sabiex jeccedi fuq il-post u jistabilixxi in linea mal-ligijiet vigenti ta` ppjanar, ambjent u struttura l-massimu tal-gholi illi tista` titla` l-*base station* tal-*antenna* in kwistjoni.

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku jghid hekk :-

*Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni ta` l-esponenti u mill-konstatazzjonijiet li saru fuq il-post jidher illi :*

*01 Fil-parametri ta` l-Avviz Legali 115/2007 il-base station mertu tal-kawza tista` toghla sa massimu ta` ghaxar metri (10.00m) l-fuq mic-cinta tat-tromba u cioe AB fuq DOk 240502 jista` jkun sa massimu ta` ghaxar metri (10.00m) u dan addirittura minghajr il-htiega li wiehed javza lill-MEPA permezz ta` Development Notification Order.*

*02 Illi fl-eventwalita` li dan il-base station jkun jenhtieg li joghla izjed minn 10.00m, tali nstallazzjoni trid tkun koperta minn Full Development Permission u ghaldaqstant wiehed ikun jehtieglu japplika mal-MEPA u wara li l-istess talba tigi pprocessata jkun hemm decizjoni relattiva fir-rigward.*

*03 L-esponent f`dan l-istadju ma jarax li ma tistax tinstab soluzzjoni teknika sabiex l-istess base station jittella` ghall-gholi ta` ghaxar metri (10.00m) hekk kif kopert minn LN 115/07 u hekk kif gie spjegat minn Martin Saliba fix-xhieda tieghu. Ovvjament ir-rinfurzar strutturali u anke certu membri strutturali jkun jenhtieg li jinbiddlu pero din hija haga li trid tigi strutturalment analizzata bil-process peritali propizju. Stante li da nil-process jimpingi spejjez li finalment jistghu anke jkunu inutli ghal din il-kawza, l-esponent f` dan l-istadju jaghzel li ma jaghmilx il-kalkoli necessarji sabiex tigi stabbilita tali soluzzjoni strutturali. Jekk finalment fil-vertenza odjerna jirrizulta li jkun xieraq u opportun li dan il-base staton jittella ghal l-gholi kopert minn LN 115/07 allura tali kalkoli strutturali jsiru. Fin-nuqqas ta` tali rizultanza tali analizi u soluzzjonijiet strutturali jkunu spejjez bla bzonn fuq il-kawza odjerna.*

**5) <u>Piz probatorju</u>**

**Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn <u>perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova</u> importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.**

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novmebru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs Mifsud</u>**", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li :

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu talprezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setaxjigiepurat u deciz mill-Qorti minghajr lassistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn lopinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika."*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicatam). Fl-istess waqt , dak ma jfissirx li *"qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Ilkonvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik lopinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."* (ara – "**<u>Grima vs Mamo et noe</u>**" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Ghalhekk qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**<u>Cauchi vs Mercieca</u>**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**<u>Saliba vs Farrugia</u>**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**<u>Calleja noe vs Mifsud</u>**" – op. cit.).

Fis-sentenza taghha tat-23 ta` Gunju 1967 fil-kawza "**<u>Bugeja et vs Muscat et</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta`*

*lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taccirkostanzi, irragonevoli."*

## III. L-eccezzjonijiet preliminari

### 1) L-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta

**Fl-ewwel eccezzjoni**, l-Awtorita` konvenuta eccepiet li mhijiex il-legittima kontradittur tal-atturi billi la hija s-sid tal-fond fejn twahhlet l-*antenna* in kwistjoni, u lanqas kienet b`xi mod involuta fit-twahhil taghha.

**Fit-tielet eccezzjoni**, l-Awtorita` konvenuta eccepiet illi l-kawza saret inutilment kontra taghha, peress illi la hi sid il-fond fejn tpoggiet l-*antenna* u lanqas hija s-sid ta` l-*antenna* ; ghalhekk tghid illi la kellha u lanqas ghandha kontroll fejn titqieghed l-*antenna.*

Dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur, hija ta` relevanza s-sentenza fil-kawza "**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**" li kienet deciza fil-5 ta` Ottubru, 2001 fejn il-Qorti tal-Appell sostniet :-

*Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra l-Qorti trid bilfors tivverifika `prima facie` jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skont l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f`kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x`jopponi ghaliha.*

Fis-sentenza li tat fit-3 ta` Ottubru 2008 fil-kawza "**Av Michael Psaila noe vs Joseph Pace et**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet illi :-

*Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur jehtieg li jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f`ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m`ghadx ghandu tali rapport.*

Irrizulta li r-rwol ta` l-Awtorita` konvenuta huwa li tassigura li l-operaturi bhall-konvenuta Melita josservaw il-kondizzjonijiet tal-licenzja taghhom fosthom

il-kondizzjoni li l-livell ta` radjazzjoni li jigu emess mill-apparat taghhom ikun *compliant* ma` l-*international standards* addottati gewwa Malta.

Irrizulta li l-Awtorita` ma tindagax jekk bil-livell li jigi rekordjat tkunx qed issir hsara jew le, ghaliex dak huwa kompitu tal-awtoritajiet governattivi responsabbli mis-ahha pubblika. Hija tara li l-livell registrat ma jeccedix il-*maximum level* prefiss fl-*istandards.* Infatti mhijiex ikkontestata l-affermazzjoni tax-xhieda tal-ufficjali tal-Awtorita` illi wara li tiehu l-mizurazzjonijiet, l-Awtorita` thejji rapport li jmur ghand l-awtoritajiet tas-sahha li lilhom jikkompetu kwistjonijiet ta` sahha pubblika. Irrizulta wkoll li hija l-Awtorita` konvenuta li tohrog il-licenzja lill-operatur ghall-istallazzjoni u uzu tal-apparat go sit partikolari, ghalkemm ma tiddeterminax kwistjonijiet ta` ppjanar ghaliex dak huwa kompitu tal-MEPA. Il-licenzja li tohrog tkun soggett ghal monitoragg li taghmel l-istess Awtorita` minn zmien ghal zmien sabiex taccerta ruhha illi l-livelli ta` radjazzjoni huma dejjem *entro* t-*thresholds* tal-permess liema *thresholds* isegwu *standards* internazzjonali.

Evalwati t-talbiet attrici, din il-Qorti tghid illi ghalkemm fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet, l-Awtorita` intimata ma tistax tkun responsabbli, peress li huma s-sid tal-*antenna* (il-konvenuta Melita) u s-sidien tal-proprjeta` fejn twahhlet li l-*antenna* (il-konvenuti konjugi Galea) li jistghu jinstabu responsabbli biex inehhu l-*antenna* mis-sit in kwistjoni, mhux l-istess jista` jinghad dwar l-ewwel talba.

Infatti bl-ewwel domanda, l-atturi talbu li jigi dikjarat li l-istallar ta` l-*antenna* huwa abbuziv u illegali stante li l-*antenna* tista` taghmel hsara jew hemm il-probabilita` li taghmel hsara lis-sahha tal-atturi lkoll residenti fi Triq Preziosi, Hal-Lija. Il-kwistjoni aktar wiesgha sollevata bl-ewwel talba tinvolvi l-validita` tal-licenzja mahruga mill-Awtorita` konvenuta.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta.**

**2) <u>Ir-raba` eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta</u>**

Riferibbilment ghar-raba` eccezzjoni, ghalkemm il-Qorti accertat ruhha fil-kors tal-kawza illi l-Awtorita` konvenuta ma ghandha l-ebda rwol regolatorju sabiex tiddeciedi hi jekk l-*antenna* hijiex ta` periklu ghas-sahha tal-pubbliku, ladarba hija l-Awtorita` li tirrilaxxja l-licenzja ghall-*antenna*, jibqa` l-fatt illi l-Awtorita` kellha tkun involuta fil-kawza sabiex twiegeb ghall-ewwel talba.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> ir-raba` eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

**3) <u>It-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta</u>**

L-Awtorita` konvenuta eccepiet in-nullita` tar-rikors guramentat billi tikkontendi li l-atturi **<u>bl-eccezzjoni</u>** tal-Kunsill Lokali naqsu li jsegwu l-procedura skont l-Art 460 tal-Kap 12.

**<u>L-Art 460 tal-Kap 12</u>** jaqra :-

*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista` jiġi pprezentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista` jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi Awtorita mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga` pubblika fil-kwalita uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-Awtorita jew persuna kif intqal qabel, ta` ittra uffiċjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b`mod ċar.*

*(2) Id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx*

*(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ;*

*jew*

*(b) għal mandati ta` inibizzjoni ;*

*jew*

*(c) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta` atti tal-istat ċivili ;*

*jew*

*(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza ;*

*(e) għal referenzi ta` tilwimiet għall-arbitraġġ, u meta skont id-disposizzjonijiet ta` xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispozizzjonijiet tas-sub artikolu (1) m`għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.*

L-iskop wara din id-disposizzjoni kien imfisser is-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta` Awwissu, 2015 fil-kawza “**<u>Corinne Ward v. Foundation for Medical Services et</u>**” fejn inghad :-

*Illi bħala linja ġenerali ta` dritt illum aċċettat, tajjeb jingħad li sa minn mindu l-imsemmi artikolu ddaħħal fil-liġi proċedurali fl-1981, dejjem inżamm li, fejn jidħlu proċeduri kontra l-Gvern jew xi awtorita` pubbblika, huma biss l-azzjonijiet li jissemmew b`mod tassattiv fis-subartikolu 460(2) ta` dak l-artikolu li ma jaqgħux taħt il-morsa tas-subartikolu 460(1). Kull azzjoni oħra li taqa` `l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta` żmien ta` għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita` jew persuna pubbblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk ;*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta` talba ġudizzjarja qabel tista`tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern. Bħala tali, tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha konta l-amministrazzjoni pubbblika. Minħabba f`hekk, it-tħaddim tar-regola iebsa maħluqa bl-artikolu 460 tal- Kodiċi tal-Proċedura Ċivili trid tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita` pubbblika fejn din tista` tibqa` miexja `l quddiem. Jibqa` dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li  kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex ufficio ;*

*Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f`kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta` att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni ;*

*Illi għalhekk l-għan wara l-imsemmi artikolu 460 – dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunita` li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f`każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom – ma għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittex id-drittijiet tiegħu fil-qrati ;*

*Illi, min-naħa l-oħra, dan jitlob ukoll li min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubbblika jrid jara li jħares b`reqqa dak li titlob il-liġi. Minbarra dan, l-interpellazzjoni ġudizzjarja trid tkun kontra dik il-persuna jew awtorita` li kontriha tinbeda l-kawża (jew proċedura oħra li tkun) wara li jgħaddu l-għaxart ijiem żmien hemm imsemmija. Il-liġi titlob ukoll li lpretensjoni tal-mittent jew tal-protestant fl-ittra uffiċjali jew fil-protest "tiġi mfissra b`mod ċar ;*

Meta l-Qorti tigi biex tqis dawn il-principji fl-isfond tal-fatti tal-kawza tal-lum, jidher illi l-ghan wara l-Art 460 huwa sabiex jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunita` li jiddefendu ruhhom kif jixraq f`azzjoni li ttiehed kontra tagħhom. Fil-kaz tal-lum, l-Awtorita` in kwistjoni kienet giet infurmata bi protest gudizzjarju (Dok A) dwar il-pretensjoni mertu ta` din il-kawa. Li gara kien li l-protest gudizzjarju kien ipprezentat sar mill-Kunsill

Lokali biss u mhux ukoll mill-atturi l-ohra. Madanakollu huwa evidenti li l-atturi **kollha** nkluz il-Kunsill Lokali ghandhom **l-istess** pretensjonijiet. Ghalhekk ma jistax jigi allegat li l-Art 460 tal-Kap 12 ma kienx sodisfatt bil-protest gudizzjarju tal-Kunsill Lokali. Li kieku l-pretensjonijiet tad-diversi atturi kienu differenti, seta` sar l-argument li l-Art 460 ma kienx osservat, izda ladarba kienet determinata l-komunanza tal-interess tal-atturi kollha, allura l-bazi tal-eccezzjoni ma tregix. Barra minn hekk, id-disposizzjoni tal-ligi ma tikkwalifikax li huwa rekwizit *ad validitatem* illi kull persuna li tkun ser tiehu azzjoni ghandha tipprezenta notifika ufficjali lill-entita` governattiva. Il-ligi tistipola biss li l-entita` governattiva ghandha tircievi notifika gudizzjarja jiem qabel ma tigi pprezentata kawza u mhux li din ghandha tintbaghat minn kull parti li tkun behsiebha tipprocedi gudizzjarjament fuq l-istess kwistjoni.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

**3) L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra**

Permezz ta` din l-eccezzjoni, Melita plc eccepiet illi mhjiex il-legittimu kontradittur tal-atturi stante li x-xogholijiet ta` installazzjoni in kwistjoni saru mis-socjeta` Melita Mobile Limited.

Dwar din l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti hadet konjizzjoni tal-verbal li sar fl-udjenza tal-11 ta` Dicembru 2014 fejn kien iddikjarat illi matul Novembru 2014 saret fuzjoni skont il-ligi bejn il-kumpannija konvenuta Melita plc u l-kumpannija Melita Mobile Limited, b`liema fuzjoni Melita Mobile Limited giet integrata kollha kemm hi fil-kumpanija Melita plc u b`hekk Melita Mobile Limited ma baqghetx tezisit bhala entita` distinta.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Melita u Galea.**

**IV. Mertu**

**Il-Qorti sejra tqis il-mertu tat-talbiet attrici fl-isfond tar-raba` u tal-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti Melita u konjugi Galea li jolqtu l-mertu tal-istanza attrici.**

Il-pern ta` l-kawza tal-lum hija l-ewwel talba attrici fejn l-atturi qeghdin jitolbu sabiex tiddikjara li l-istallazzjoni tal-antenna in kwistjoni kienet abbusiva

u llegali stante li din taghmel hsara jew hemm il-probabilita` li taghmel hsara lis-sahha tal-atturi.

Il-binarji tal-azzjoni huma determinati minn min jipproponi l-azzjoni. Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu skont il-kawzali u t-talbiet li jressaq l-attur. Jekk it-talba ssir abbazi ta` kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga `lil hinn minn dik il-kawzali. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Azzopardi v. Azzopardi**" : *il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u **xejn izjed***. (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Il-piz tal-prova jinkombi lill-atturi.

Fis-sentenza li tat fis-17 ta` Settembru 2012 fil-kawza "**Emmanuel Grech noe v. Mare Blu Tuna Farm Company Limited**" din il-Qorti spjegat illi hija prekluza milli tiddeciedi fuq possibilitajiet minghajr provi konklussivi ; u minghajr provi konklussivi ma tistax tibdel possibilitajiet fi probabilitajiet. Qalet hekk :

*… fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Zammit vs Petrococchino noe" deciza fil-25 ta` Frar 1952 (Vol XXXVI.I.319) jinghad hekk –*

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih iccertezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet."*

*Imbaghad fil-korp tas-sentenza, il-Qorti tal-Appell tghid hekk –*

*… hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat minn Powell "On Evidence" p.487 –*

*"In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive `probabilities`. The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty` ; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between the two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man ; and such conviction must be based upon the facts proven by express evidence and on the inferences which naturally and `probably` arise from them …"*

*Taylor (Law of Evidence, Vol.1 page 2) ighid hekk –*

*" … In trials of fact, the true question is not whether it is possible that the testimony may be false, but whether there is `sufficient probability` of its truth … Fil-ktieb "Cockie`s Cases and Statutes of the Law of Evidence" pg.141 l-istess jinghad – "a civil claim may be proved by 'preponderance of evidence' … (sottolinear ta` din il-qorti)*

F`kawza ta` din in-natura, l-atturi ghandhom jippruvaw n-ness ta` kawzalita`.

Ma jistghux joqghodu fuq suspetti, ipotezijiet jew kongetturi.

Dan premess, hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti, wara illi qieset l-assjem tal-provi, illi l-atturi ma renxxielhomx jippruvaw l-ewwel talba b`*facts proven by express evidence.*

Din il-Qorti ma ghandhiex ic-certezza morali, vitali fi procediement ta` din ix-xorta, dwar l-fondatezza tal-atti li l-atturi qeghdin jimputaw ghall-istallazzjoni ta` l-*antenna* in kwistjoni fejn addirittura qeghdin isostnu fl-ewwel talba li hija abbusiva u llegali.

Din il-Qorti ssostni dak li qeghda tghid kif gej –

1) Irrizulta illi l-istallazzjoni tal-*antenna* saret fil-parametri ta` l-**<u>Avviz Legali 115 tal-2007</u>** li kien sar bis-sahha tal-**<u>Kap 356 tal-Ligijiet ta` Malta</u>**. Ghalhekk mill-punto di vista ta` ppjanar ma saritx il-prova ta` xi llegalita`.

2) Dwar il-kondizzjonijiet tal-licenzja, din tistipola fl-artikolu 9 (fol 229) illi : "*The licensee shall comply with any radiation emission standards adopred and published by the International Commission for Non-Ionising Radiation Protection (ICNIRP) and any other appropriate standards as may be specified by law or by the Authority.*" Irrizulta li l-emissjonijiet mill-*antenna* jaqghu fl-ambitu ta` l-*standards* internazzjonali li huma addottati mil-ligi taghna u cioe` *International Commission for Non-Ionising Radiation Protection (ICNIRP).* Infatti fir-rapport tieghu, l-espert tekniku Professur Joseph Agius ghamilha cara illi l-emissjonijiet huma konformi ma` l-*standards* ta` ICNIRP u addirittura jikkostitwixxu biss frazzjoni mill-massimu li huwa permissibli.

3) Rinfaccati b`dan l-istat ta` fatt, l-atturi sostnew li dawn l-*standards* mhumiex idoneji u korretti tant li hemm pajjizi barranin li qed jaddottaw *standards* ohrajn. Madanakollu, dan l-argument ma jghinx lit-tezi ta` l-atturi, peress li din il-Qorti ma ghandhiex il-poter li tiddeciedi liema *standards* ghandhom jintghazlu mil-legislatur bhala dawk li ghandhom jigu addottati ghal pajjizna. Din il-Qorti ghandha biss l-awtorita` li tapplika l-ligi hekk kif vigenti u prezenzjalment huma ta` l-ICNIRP l-*standards* li gew addottati fil-pajjiz u li ghandhom jigu segwiti. In parentesi, ghandu jigi osservat li l-ICNIRP *standards*

huma universalment accettati u applikati mill-maggoranza tal-pajjizi fl-UE. Ghalhekk irrizulta li l-uzu ta` l-*antenna* huwa in konformita` mal-kundizzjonijiet tal-licenzja.

4) Mill-banda l-ohra, ma rrizultax li tressqu provi sodisfacenti u konklussivi li jaghtu lill-Qorti c-certezza morali tal-fondatezza tal-allegazzjoni ta` perikolu lejn is-sahha ikkreat mir-radjazzjoni li tigi emessa mill-*antenna* in ezami. Din il-Qorti fliet ir-rapporti ta` Dr Stephanie Bezzina Wettinger, ta` l-Professur Pierre Mallia u ta` l-Professur Daniel Massa. Madanakollu dawn huma kollha bbazati fuq studji li saru barra minn Malta u fuq assunzjonijiet li imbaghad gew ibbazati fuqhom dawn l-istess studji. Fir-referenza li saret ghal dawn l-istudji, ma gewx ipprezentati l-kalkoli tar-*readings* li ttiehdu sabiex forsi l-Qorti setghet tkun f`pozizzjoni li tqabbel l-ammonti hemm indikati ma` l-ammonti li rrizultaw fil-kaz tal-lum. Inoltre fil-kors ta` din il-kawza, ma tressqux provi konkreti bhal certifikati ta` esperti medici illi setghu jikkonfermaw il-probabilita` ta` zieda fl-incidenza ta` mard minhabba l-operazzjoni ta` din l-*antenna* partikolari. Apparti dan, il-Qorti giet ukoll rinfaccjata b`rapport ta` esperti *ex parte* tal-konvenuti u anke b` rapport tal-perit taghha stess, li lkoll ikkonfermaw l-oppost ta` dak sottomess mill-espert *ex parte* ta` l-atturi, ossija li ma hemmx evidenza cara bizzejjed li tissostanzja l-effetti negattivi fuq in-nies li jkunu esposti ghal-livelli ta` radjazzjoni elettromanjetika li ma tkunx teccedi l-limiti stipulati mill-*standards* internazzjonali.

5) Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kien sottolineat illi fiz-zona jew inhawi hemm zewg *antennae base statons* ohra ta` terzi li wkoll qeghdin jemettu radjazzjoni aktar mill-*antenna* in ezami, ghalkemm anke dawn qeghdin jemettu entro l-*standards* internazzjonali addottati fil-pajjiz. Irrizulta wkoll li hemm apparat elettroniku iehor li jemetti radjazzjoni, bhal per ezempju sistema ta` WI-FI li llum il-gurnata jista` jinghad li tinsab gol-maggoranza tad-djar. Ghalhekk, anke li kieku b` xi mod seta`jigi konkluz li tressqet prova sodisfacjenti li din l-*antenna* tikkaguna hsara lis-sahha tal-perusni, xorta wahda dan il-fatt ma jistax jigi determinat b` mod izolat peress li hemm fatturi ohra li similment jistghu jikkagunaw hsara lis-sahha tal-persuni tal-madwar. Din il-Qorti ma tista` tasal qatt ghac-certezza morali li torbot l-allegazzjoni attrici mal-*antenna* partikolari u mhux mill-*WI-FI systems* utilizzati jew *antennae* ohra li hemm fl-istess inhawi.

6) Irrizulta li fl-eventwalita` li l-*antenna* titnehha jkun necessarju li jitwahhlu aktar *antennae* fil-perimetru tal-lokalita` li jkunu aktar numeruzi sabiex is-servizz lill-klijenti jkun jista` jibqa` jinghata. Dan ikollu l-konsegwenza li l-istess atturi jigu rinfaccjati mhux b` wahda izda b` ghadd ta` *antennae.*

7) Da parti taghhom, l-atturi sahqu hafna li ghandu jigi segwit il-***precautionary principle*** li ghandu l-ghan ewlieni li jittiehdu prekawzjonijiet

biex jigi evitat ir-riskju li jista` jkun hemm u li xjenitifikament ghadu mhux stabbilit. Din il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li dan huwa principju li jinsab fit-Trattat tal-Komunita`Ewropea u fl-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 356) u issa wkoll fil-Kap. 504 fejn hemm stipolat li *"prinċipju kawtelatorju" tfisser il-prinċipju li bih jittieħdu miżuri adatti li jħarsu l-ambjent u li jiżguraw maniġġar sostenibbli ta` riżorsi naturali fin-nuqqas ta` prova xjentifika assoluta jew konklużiva tal-ħtieġa għal dawk il-miżuri."* Madanakollu, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li dan il-principju ghandu japplika fil-kuntest ta` *mobile phone* u *base station radiofrequency exposures.* Il-Qorti sejra tikkwota minn artikolu relatat ma` din il-kwistjoni bl-isem ta` ***The Precautionary Principle in the Context of Mobile Phone and Base Station Radiofrequency Exposures*** miktub minn Mike Dolan and Jack Rowley (Environ Health Perspect. 2009 Sep; 117(9) : 1329–1332. Published online 2009 May 18. doi: 10.1289/ehp.0900727) . Riassunt ta` dan l-artikolu jaghmluh l-istess awturi fil-bidu ta` l-artiklu fejn jelenkaw il-punti saljenti ta` l-artikolu, imbaghad jidhlu fid-dettal rigward dawn il-punti :

***Results***

***Conclusion***

*"the grounds for concern that can trigger the PP need to be plausible or tenable" and that the scientific uncertainty should be "considerable."*

Intqal ukoll li :

*"European courts are tending toward a position where, "instead of simply providing by default a justification for action in the face of scientific uncertainty, the precautionary principle is beginning to be understood as a positive obligation to conduct risk assessment and establish proof of harm prior to taking protective measures" (Stokes 2008).*

L-artikolu jkompli :-

*"Human RF exposure guidelines developed by the ICNIRP are based on established health effects, are kept under review, and incorporate large margins of safety so that they protect all persons against all known health hazards (Vecchia 2007). The ICNIRP guidelines already contain cautionary elements through their use of reduction factors, assumptions of conditions for maximum transfer of RF energy, and separate consideration of workers and the public (ICNIRP 1998)....The possibility of some unknown long-term adverse health effects (including possible effects on children) has been left open by the reviews and is the subject of ongoing research. However, the primary conclusion that, on the basis of available scientific evidence, the ICNIRP recommendations are protective of public health is robust. Therefore, we argue strongly that application of the PP to mobile communications is not justified because the threshold of scientific plausibility (the COMEST term) has not been crossed and there is no convincing*

*theoretical basis that a hazard is likely to be established in the future (Valberg et al. 2007).”*

Fl-istess artikolu, imbaghad issir referenza ghal sentenza moghtija fl-Awstralja fejn gie deciz li gia` jkunu qed jigu mehuda prekawzjonijiet, dan ghandhu jigi meqjus li huwa sufficjenti :

*“The courts have taken a conservative approach to precaution in the area of base station siting, giving prominence to the importance of science-based RF exposure guidelines. For example, in Australia the legal position on the application of the PP to base station siting was thoroughly addressed by the chief judge of the New South Wales Land and Environment Court (Telstra Corporation Limited v.Hornsby Shire Council 2006). Justice Preston concluded that the PP should not be used to try to avoid all risks (paragraph numbers are from the judgment) :*

*If there is not a threat of serious or irreversible environmental damage, there is no basis upon which the precautionary principle can operate. The precautionary principle does not apply, and precautionary measures cannot be taken, to regulate a threat of negligible environmental damage.*

*He went on to outline the many inherently precautionary elements of the base station proposal :*

*In the present case, such a precautionary approach has already been undertaken, first, in the standard-setting process . . . secondly, in the adoption of the Australian Standard RPS3 [Radiation Protection Series 3] with margins of safety, thirdly, in the requirements of the relevant industry code to comply with the adopted standard, fourthly, in the measurement of existing and the estimation of predicted RF RPS3 levels from the proposed base station . . . fifthly, in the selection of equipment and antennas to be used in the proposed base station and, finally, in the efficient operation of the equipment and antennas to minimise RF EME [electromagnetic energy] levels generated from the proposed base station.*
*The court declined to accept unfounded community fears as a basis for refusing the development application.*

*Responsiveness to public fear should be complemented by a commitment to deliberation in the form of reflection and reason giving. If the public is fearful about a trivial risk, a deliberative democracy should not respond by reducing that risk. Rather, it should use its institutions to dispel public fear that is, by hypothesis, without foundation. In this way, deliberative democracies avoid the tendency of popularist systems to fall prey to public fear when it is baseless. They use institutional safeguards to check public panics.*

*This last paragraph should be a reminder to regulators in all countries of the importance of rational and science-based approaches to respond to public fears about radio signals (Rowley 2008). In other legal cases relating to mobile phone base station siting in Australia, New Zealand, and the United Kingdom, the courts have decided that in the absence of credible evidence of risk, compliance*

*with existing exposure guidelines is an appropriate cautionary approach (Optus v. CC Kensington and Norwood & Frost, 1998; Shirley Primary School v. Telecom Mobile 1998; T Mobile and Others v. First Secretary of State and Harrogate Borough Council 2004). This approach is consistent with the general principles enunciated by the European courts and the European Commission (Commission of the European Communities 2000; Stokes 2008)."*

Din il-Qorti ghamlet referenza ghal dan l-artikolu mhux daqstant ghaliex hija ma tatx piz konsiderevoli wkoll lil dawk l-artikoli u studji li gew ikkwotati mill-atturi kemm fir-rapporti ezebiti mill-professjonisti *ex parte* kif ukoll fin-nota ta` sottomissjonijiet, izda ghaliex minn dan l-artikolu jemergi punt importanti. Li jekk ikun hemm gia` mizuri ta` prekawzjonijiet li qeghdin jittiehdu, dawn ghandhom jkunu meqjusa bhala sufficjenti u ghandu ghalhekk jitqies illi l-*precautionary principle* qieghed jigi osservat, ghalkemm mhux fl-estremita` ta` kif jixtiequ li jigi applikat dan il-principju.

8) Fil-kaz odjern, irrizulta b`mod mill-aktar car li r-*readings* mehuda mill-*antenna* mertu ta` dan il-kaz, huma hafna izjed baxxi mil-livelli massimi stabbiliti minn dawn il-linji gwida ta` ICNIRP. Infatti, ir-*readings* anke dawk ikkalkolati fil-*worst case scenarios* jammontaw biss ghal frazzjoni zghira minn dak li hu permissibbli. Apparti li f` dan ir-rigward, ma tressqitx prova li f` dawn il-livell tant baxxi, qed tigi kkagunata hsara lis-sahha, il-punt li trid taghmel din il-Qorti huwa li bil-fatt li tali livelli huma tant baxxi, qed tinzamm element ta` prekawzjoni fil-livell ta` emmissjonijiet.

**Ghalhekk filwaqt illi qeghda tilqa` r-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti Melita u konjugi Galea, il-Qorti sejra tichad it-t-talbiet tal-atturi stante li fil-fehma taghha l-atturi ma ressqux provi konvincenti, sodisfacjenti, konklussivi u determinanti, fuq bilanc ta` probabilitajiet, dwar l-allegazzjoni li fuqha l-atturi sejsu l-azzjoni taghhom. Din il-Qorti ma tistax toqghod fuq kongetturi jew possibilitajiet.**

**In vista ta` din il-konkluzjoni, ma hemmx lok illi l-Qorti tqis it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti Melita u konjugi Galea.**

**Daqstant bhala *ratio decidendi* ta` din il-vertenza.**

***Obiter*** **din il-Qorti tirrakkomanda lill-konvenuta Melita sabiex tikkunsidra illi tgholli l-*antenna* in kwistjoni sal-massimu ta` ghaxar (10) metri konsentiti sabiex tizdied id-distanza bejn l-*antenna* u l-fondi tal-atturi. Dan jista` jsir minghajr il-htiega li jintalab permess ulterjuri mill-MEPA ; zieda fl-gholi m`ghandhiex taffettwa negattivament l-efficjenza tas-servizz. Il-Qorti tirrakkomanda wkoll li jkompli jsir**

**monitoragg attent, akkurat u regolari tal-*antenna* in kwistjoni sabiex jibqa` jigi assikurat illi l-livelli ta` radjazzjoni jibqghu fil-parametri ta` l-*istandards* internazzjonali.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita` ta` Malta dwar il-Komunikazzjoni.**

**Tilqa` r-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti Rosanne u John David konjugi Galea u tal-konvenuta Melita plc.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti Rosanne u John David konjugi Galea u tal-konvenuta Melita plc.**

**Tichad it-talbiet kollha tal-atturi.**

**In vista tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, b`mod partikolari l-komplessita` tal-mertu, il-Qorti qeghda tordna li l-ispejjez peritali kollha jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuti, filwaqt li ghar-rigward tal-ispejjez l-ohra, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**